DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/234

tal-5 ta' Frar 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-10 ta' Ġunju 2016. Dan ilu jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni, minn naħa waħda, u l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Eswatini u l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni u l-Mozambique mill-4 ta' Frar 2018.

(2) Skont l-Artikolu 102(1) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha koperti minn dan il-Ftehim. Skont il-punti (h) u (i) tal-Artikolu 101(3) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.

(3) Il-Kunsill Konġunt, matul l-ewwel laqgħa tiegħu, għandu jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.

(4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kunsill Konġunt se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill Konġunt għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konġunt fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-5 ta' Frar 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

([1]) ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2019 TAL-KUNSILL KONĠUNT STABBILIT TAĦT IL-FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-ISTATI EPA SADC, MIN-NAĦA L-OĦRA

ta'…

dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp

IL-KUNSILL KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 100,101 u 102 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt huma stabbiliti kif jinsabu fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp huma stabbiliti kif jinsabu fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

Għall-Kunsill Konġunt

Il-Ministru għall-Kummerċ ta' *Rappreżentant tal-UE*

ANNESS I

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUNSILL KONĠUNT

KAPITOLU I

ORGANIZZAZZJONI

Artikolu 1

Għamla u Presidenza

1. Il-Kunsill Konġunt, stabbilit taħt l-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), għandu jwettaq dmirijietu kif previst fl-Artikoli 100 u 101 tal-Ftehim.

2. Ir-referenza għall-"Partijiet" f'dawn ir-regoli ta' proċedura għandha ssir skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 104 tal-Ftehim, jiġifieri għall-Istati EPA SADC u l-Parti UE (jiġifieri l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'kont meħud tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom).

3. Skont l-Artikolu 101(1) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jkun magħmul, minn naħa waħda, mill-membri rilevanti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-membri rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea jew mir-rappreżentanti tagħhom, u, min-naħa l-oħra, mill-Ministri rilevanti tal-Istati EPA SADC jew mir-rappreżentanti tagħhom.

4. Il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt għandhom ikunu ppreseduti, fil-livell Ministerjali, għal perijodi li jalternaw ta' 12-il xahar minn rappreżentanti tal-Parti UE, b'kont meħud tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u minn rappreżentant tal-Istati EPA SADC. L-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konġunt għandha tkun ippreseduta b'mod konġunt mill-Partijiet.

5. Il-mandat imsemmi fil-paragrafu 4 li jikkorrispondi għall-ewwel perjodu għandu jibda fil-jum li jaħbat l-għada tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konġunt u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena. Il-presidenza ta' dak l-ewwel perijodu għandha tkun f'idejn [rappreżentant tal-Istati EPA SADC] [il-Parti UE].

Artikolu 2

Laqgħat

1. Skont l-Artikolu 102(4) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jiltaqa' f'intervalli regolari, li ma jaqbżux perjodu ta' sentejn, u straordinarjament kull meta ċ-ċirkustanzi jeħtieġu dan, jekk il-Partijiet jaqblu hekk.

2. Il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt għandhom isiru b'mod alternat fi Brussell jew fit-territorju ta' wieħed mill-Istati EPA SADC, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt għandhom jissejħu mill-Parti li jkollha l-presidenza, wara li tikkonsulta mal-Parti l-oħra.

4. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jagħmlu laqgħat tal-Kunsill Konġunt permezz ta' mezzi elettroniċi.

Artikolu 3

Osservaturi

Il-Kunsill Konġunt jista' jiddeċiedi li jistieden osservaturi biex jattendu laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc* u jiddetermina liema punti fl-aġenda jkunu miftuħa għal dawk l-osservaturi.

Artikolu 4

Segretarjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Unità EPA SADC fi ħdan is-Segretarjat tal-SADC, min-naħa l-oħra, għandhom iservu bħala s-Segretarjat tal-Kunsill Konġunt ("is-Segretarjat") għal perijodi li jalternaw ta' 12-il xahar. Dawk il-perijodi għandhom jikkoinċidu mal-arranġamenti għall-presidenza stabbiliti taħt l-Artikolu 1(4) u (5).

2. Fuq in-naħa tal-Parti UE, l-aġendi proviżorji u l-abbozzi tal-minuti għandhom jitfasslu mill-Kummissjoni Ewropea u d-dokumenti uffiċjali kollha maħsuba għall-Kunsill Konġunt jew maħruġa minnu għandhom jiġu ċċirkulati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU II

FUNZJONAMENT

Artikolu 5

Dokumenti

Fejn id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt jkunu bbażati fuq dokumenti bil-miktub ta' appoġġ, tali dokumenti għandhom jiġu enumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat bħala dokumenti tal-Kunsill Konġunt.

Artikolu 6

Notifika u aġenda għal-laqgħat

1. Is-Segretarjat għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar is-sejħa għal laqgħa tal-Kunsill Konġunt u jitlob għal entrati fl-aġenda mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa. F'każ ta' xi kwistjoni urġenti jew ta' ċirkostanzi mhux previsti li jridu jiġu kkunsidrati, il-laqgħa tista' tissejjaħ fi żmien qasir.

2. Għandha titfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa mis-Segretarjat. Din għandha tintbagħat mis-Segretarjat lill-President u lill-Membri tal-Kunsill Konġunt mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqgħa.

3. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fir-rigward tagħhom is-Segretarjat ikun irċieva talba għall-inklużjoni mingħand Parti.

4. L-aġenda għandha tkun adottata mill-Kunsill Konġunt fil-bidu ta' kull laqgħa. Jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda punti oħra barra minn dawk fl-aġenda proviżorja jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

5. Il-President tal-Kunsill Konġunt jista', bi qbil mal-Partijiet kollha, jistieden esperti biex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi.

Artikolu 7

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitfassal mis-Segretarjat, fi żmien 21 jum wara l-laqgħa, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor b'kunsens reċiproku tal-Partijiet.

2. Il-minuti għandhom, bħala regola, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fl-aġenda:

(a) id-dokumenti ppreżentati lill-Kunsill Konġunt;

(b) kwalunkwe dikjarazzjoni li membru tal-Kunsill Konġunt ikun talab li tiddaħħal fil-minuti; u

(c) kwistjonijiet li jkunu qablu dwarhom il-Partijiet, bħal deċiżjonijiet adottati, rakkomandazzjonijiet maħruġa u konklużjonijiet operattivi adottati.

3. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jiġi approvat bil-miktub miż-żewġ Partijiet fi żmien 42 jum wara l-laqgħa sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Partijiet. Ladarba approvati l-minuti, is-Segretarjat għandu jiffirma żewġ kopji tagħhom u kull Parti għandha tirċievi verżjoni oriġinali ta' dawn id-dokumenti awtentiċi.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. F'konformità mal-Artikolu 102 tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet b'konsensus fil-każijiet previsti fil-Ftehim.

2. Fejn il-Kunsill Konġunt ikollu s-setgħa, taħt il-Ftehim, li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, tali atti għandhom ikunu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament fil-minuti. Is-Segretarjat għandu jagħti, lil kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni adottata, numru ta' serje, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett tagħha. Kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandha tipprovdi għad-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. F'każ li Stat EPA SADC ma jkunx jista' jattendi laqgħa tal-Kunsill Konġunt, id-deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet maqbula matul dik il-laqgħa għandhom jiġu kkomunikati lil dak il-membru mis-Segretarjat. L-Istat EPA SADC kkonċernat għandu jipprovdi tweġiba bil-miktub fi żmien 10 ijiem kalendarji minn meta jintbagħtu d-deċiżjonijiet u/jew ir-rakkomandazzjonijiet, b'indikazzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet li huwa ma jkunx jaqbel magħhom, inklużi r-raġunijiet għal dan. Fin-nuqqas ta' dik ir-risposta bil-miktub fl-iskadenza mogħtija, id-deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati. F'każ li l-Istat EPA SADC li ma attendiex il-laqgħa ma jaqbilx ma' xi deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, għandha tapplika l-proċedura prevista fil-paragrafu 4.

4. Fil-perjodu bejn il-laqgħat, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet.

5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill Konġunt għandhom jiġu awtentikati permezz ta' żewġ eżemplari oriġinali ffirmati minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Parti UE u minn rappreżentant tal-Istati EPA SADC.

Artikolu 9

Aċċess pubbliku

1. Il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet.

2. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jippubblikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt.

Artikolu 10

Lingwi ta' ħidma

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet, il-korrispondenza kollha u l-komunikazzjonijiet kollha bejn il-Partijiet relattivi għall-ħidma tal-Kunsill Konġunt, kif ukoll id-deliberazzjonijiet waqt laqgħat tal-Kunsill Konġunt, għandhom isiru bl-Ingliż jew bil-Portugiż.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kull spiża li tagħmel b'riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill Konġunt, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.

2. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħa, mal-provvediment ta' servizzi ta' interpretazzjoni u mar-riproduzzjoni ta' dokumenti għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 12

Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp

F'konformità mal-Artikolu 103(5) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jirrapporta u jkun responsabbli lill-Kunsill Konġunt.

Artikolu 13

Emenda tar-regoli ta' proċedura

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati bil-miktub b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt adottata skont l-Artikolu 8.

ANNESS II

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP

KAPITOLU I

ORGANIZZAZZJONI

Artikolu 1

Għamla u Presidenza

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp, stabbilit taħt l-Artikolu 103 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), għandu jwettaq dmirijietu f'konformità ma' dak l-Artikolu.

2. Ir-referenza għall-"Partijiet" f'dawn ir-regoli ta' proċedura għandha ssir skont id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 104 tal-Ftehim, jiġifieri għall-Istati EPA SADC u l-Parti UE (jiġifieri l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'kont meħud tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom).

3. F'konformità mal-Artikolu 103(1) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet, normalment fil-livell ta' uffiċjali għolja.

4. Il-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandhom ikunu ppreseduti b'mod alternat minn uffiċjal għoli tal-Kummissjoni Ewropea u minn uffiċjal għoli tal-Istati EPA SADC. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jiġi ppresjedut b'mod konġunt mir-rappreżentanti rilevanti tal-Partijiet.

5. Il-mandat imsemmi fil-paragrafu 4 li jikkorrispondi għall-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jiltaqa' f'intervalli regolari, għallinqas darba fis-sena u fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet. Il-laqgħat għandhom isiru b'mod alternat fi Brussell jew fit-territorju ta' wieħed mill-Istati EPA SADC, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

2. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandhom jissejħu mill-Parti li jkollha l-presidenza, wara li tikkonsulta mal-Parti l-oħra.

3. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jagħmlu l-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp permezz ta' mezzi elettroniċi.

Artikolu 3

Osservaturi

Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp jista' jiddeċiedi li jistieden osservaturi biex jattendu laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc* u jiddetermina liema punti fl-aġenda jkunu miftuħa għal dawk l-osservaturi.

Artikolu 4

Segretarjat

1. Il-Parti li tospita l-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandha taġixxi bħala s-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp ("is-Segretarjat").

2. Meta l-laqgħa ssir permezz ta' mezzi elettroniċi, il-Parti li jkollha l-presidenza għandha taġixxi bħala s-Segretarjat.

KAPITOLU II

FUNZJONAMENT

Artikolu 5

Dokumenti

Fejn id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp ikunu bbażati fuq dokumenti ta' sostenn miktubin, tali dokumenti għandhom jiġu enumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat bħala dokumenti tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.

Artikolu 6

Notifika u aġenda għal-laqgħat

1. Is-Segretarjat għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar is-sejħa ta' laqgħa u jitlob għal entrati fl-aġenda mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa. F'każ ta' xi kwistjoni urġenti jew ċirkostanzi mhux previsti li jridu jiġu kkunsidrati, il-laqgħa tista' tissejjaħ fi żmien qasir.

2. Għandha titfassal aġenda proviżorja mis-Segretarjat għal kull laqgħa. Din għandha tintbagħat mis-Segretarjat lill-President u lill-membri tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqgħa.

3. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fir-rigward tagħhom is-Segretarjat ikun irċieva talba għall-inklużjoni mingħand Parti.

4. L-aġenda għandha tkun adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp fil-bidu ta' kull laqgħa. Jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda punti oħra barra minn dawk fl-aġenda proviżorja jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

5. Il-President tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp jista', bi qbil mal-Partijiet kollha, jistieden esperti biex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi.

Artikolu 7

Rapport ta' laqgħa

Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, ir-rapport ta' kull laqgħa għandu jitfassal mis-Segretarjat u jiġi adottat fit-tmiem ta' kull laqgħa.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. F'konformità mal-Artikolu 103(6) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet b'konsensus fil-każijiet previsti fil-Ftehim jew fejn tali setgħa tkun ġiet iddelegata lilu mill-Kunsill Konġunt.

2. Fejn il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp ikollu s-setgħa, taħt il-Ftehim, li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, jew fejn tali setgħa tkun ġiet iddelegata lilu mill-Kunsill Konġunt, tali atti għandhom ikunu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament fir-rapporti tal-laqgħat imsemmija fl-Artikolu 7. Is-Segretarjat għandu jagħti, lil kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni adottata, numru ta' serje, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett tagħha. Kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandha tipprovdi għad-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. F'każ li Stat EPA SADC ma jkunx jista' jattendi laqgħa, id-deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet maqbula matul dik il-laqgħa għandhom jiġu kkomunikati lil dak il-membru mis-Segretarjat. L-Istat EPA SADC kkonċernat għandu jipprovdi tweġiba bil-miktub fi żmien 10 ijiem kalendarji minn meta jintbagħtu d-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet, b'indikazzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet li huwa ma jkunx jaqbel magħhom, inklużi r-raġunijiet għal dan. Fin-nuqqas ta' dik ir-risposta bil-miktub fl-iskadenza mogħtija, id-deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati. F'każ li l-Istat EPA SADC li ma attendiex il-laqgħa ma jaqbilx ma' xi deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, għandha tapplika l-proċedura prevista fil-paragrafu 4.

4. Fil-perjodu bejn il-laqgħat, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet.

5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandhom jiġu awtentikati permezz ta' żewġ eżemplari oriġinali ffirmati minn rappreżentant tal-UE u minn rappreżentant tal-Istati EPA SADC.

Artikolu 9

Aċċess pubbliku

1. Il-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp ma għandhomx ikunu pubbliċi, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet.

2. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jippubblikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 10

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kwalunkwe spiża li tagħmel b'riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.

2. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħa, mal-provvediment ta' servizzi ta' interpretazzjoni u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 11

Kumitati Speċjali u korpi oħra

1. Il-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali, stabbilit taħt l-Artikolu 50 tal-Ftehim, is-sħubija agrikola, stabbilita taħt l-Artikolu 68 tal-Ftehim, u l-Kumitat Speċjali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-kummerċ f'inbejjed u spirti, stabbilit taħt l-Artikolu 13 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim, għandhom jirrapportaw lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.

2. F'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 50(2) tal-Ftehim u l-Artikolu 13(5) tal-Protokoll 3 tal-Ftehim rispettivament, il-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali u l-Kumitat Speċjali dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-kummerċ f'inbejjed u spirti għandhom jiddeterminaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom.

3. F'konformità mal-Artikolu 68(3) tal-Ftehim, ir-regoli operattivi għas-sħubija agrikola għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' qbil komuni tal-Partijiet, li jaġixxu fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.

4. Skont l-Artikolu 103(3) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp jista' jistabbilixxi kwalunkwe grupp tekniku speċjali sabiex jindirizza kwistjonijiet speċifiċi li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu.

5. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-gruppi tekniċi speċjali msemmija fil-paragrafu 4. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp jista' jiddeċiedi li jabolixxi l-gruppi tekniċi speċjali u jiddefinixxi jew jemenda t-termini ta' referenza tagħhom.

6. Il-gruppi tekniċi speċjali għandhom jirrapportaw lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp wara kull laqgħa.

Artikolu 12

L-emendar tar-regoli ta' proċedura

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati bil-miktub b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp adottata taħt l-Artikolu 8.